# Q O R T I  Ċ I V I L I

## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2018**

Rikors Nru.  227/2016 RGM

Kawza fil-lista: 8

**A B**

**Vs**

**D C**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-**rikors guramentat** ipprezentat mill-atrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet kienu zzewgu fis-27 ta' Settembru 2003 u minn dan iz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni, cioe` Sasha li twieldet fis-6 ta' Frar 2003 u Nina li twieldet fl-14 ta' Marzu 2006;

Illi l-partijiet ikkonkludew separazzjoni personali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Elena Farrugia datat 8 ta' Awwissu 2013 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. MG1** izda sussegwentement irrizulta tibdil fic-cirkostanzi illi jimmerita tibdil fil-kuntratt fl-ahjar interess tal-minuri;

Illi permezz ta' **Klawsola 5(iii) (b)** ta' dan il-Kuntratt **[Dok. MG1]**, il-konvenut ghandu dritt ta' access ghal perjodu kumulattiv ta' xahar fil-vaganzi tas-sajf tal-minuri. Ghal xi snin, il-konvenut ghazel illi jezercita access ta' gimaghtejn shah hawn Malta izda rrifjuta illi jippermetti lill-esponenti illi tara lil uliedha tul dan iz-zmien kollu. L-esponenti tippretendi illi matul dawn il-gimghat, hija jkollha l-istess access ghal uliedha illi jkollu l-konvenut zewgha meta l-minuri jirrisjedu maghha b'dan illi hija jkollha access ta' mhux inqas minn 24 siegha fil-gimgha;

Illi ai termini tal-**Klawsola 5(iv) (a)** tal-Kuntratt **[Dok. MG1]**, iz-zewg kontendenti huma responsabbli bejniethom ghall-htigijiet ta' kuljum tal-minuri ghall-perijodi illi l-minuri jkunu fil-kura taghhom, ai termini tal-kuntratt. Fir-realta` dawn l-ispejjez fil-maggior parti assoluta taghhom qeghdin jigu sopportati interament da parti tal-esponenti b'kontribuzzjoni minima tal-konvenut stante illi l-minuri ikunu fil-parti l-kbira fil-kura tal-esponenti, b'dan allura illi fic-cirkostanzi rizultanti, il-kontribuzzjoni tal-konvenut f'dan ir-rigward hija assolutament minima u negligibbli;

Illi skont **Klawsola 5 (iv) (d)** il-konvenut ghandu jhallas lill-esponenti l-ispejjez kollha relatati mal-edukazzjoni taz-zewg ulied minuri, inkluzi izda mhux limitatament *''school fees, excursions, school transport, books, stationery, adequate sets of school uniforms, private lessons and examination fees and costs''*. Dawn il-pagamenti qeghdin isiru <u>frekwentement b'mod tardiv</u>;

Illi l-ispejjez tas-sahha ta' natura straordinarja, dejjem ai termini ta' **Klawsola 5 (iv) (c),** u kif ukoll dawk l-ispejjez kollha illi ghandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet

estra-kurrikulari tal-minuri ai terminu ta' **Klawsola 5 (iv) (b)** tal-istess kuntratt **[Dok. MG1]** huma a karigu tal-konvenut izda dawn ukoll qeghdin jithallsu frekwentement tardivament;

Illi l-konvenut qieghed ukoll ikun tardiv fil-pagamenti tieghu relatati mal-ispejjez tal-hwejjeg tal-ulied minuri fejn ai termini tal-**Klawsola 5 (iv) (f)** tal-Kuntratt **[Dok. MG1],** il-konvenut ghandu jirrifondi lill-esponenti l-ewwel elf Euro (€1000) illi tonfoq f'dan ir-rigward – somma illi llum tirrizulta interament inadegwata tenut kont illi l-minuri llum ghandhom tlettax u ghaxar snin rispettivament, u allura l-htigijiet taghhomf'dan ir-rigward kibru ferm;

Illi l-fatt illi fil- Kuntratt **[Dok. MG1]** m'hemmx terminu stipulat illi jobbliga lil-konvenut illi jirrifondi lill-attrici b'mod tempestiv qieghed johloq diffikultajiet ghaliex l-istess konvenut jiddilunga biex jaghmel hafna mill-pagamenti, ghall-ragunijiet maghrufa lilu biss;

Illi qeghdin jirrizultaw ukoll kwistjonijiet fir-rigward tal-pagamenti tal-ekwiparazzjoni dovuta mill-konvenut lill-esponenti, ai termini ta' **Klawsola 10 (xiv)** tal-Kuntratt ta' Separazzjoni **[Dok. MG1]** tal-partijiet, u dan ghaliex ghal darba ohra dawn il-pagamenti qeghdin isiru tardivament;

Illi inoltre, l-esponenti tixtieq tifformalizza s-sitwazzjoni ta' wliedha fir-rigward ta' kunjomhom u dan sabiex jibdew juzaw il-kunjom ''C B'', liema sitwazzjoni tirrifletti l-kunjomijiet taz-zewg genituri taghhom. F'dan ir-rigward l-esponenti ttentat tfittex ftehim bonarju mal-konvenut izda inutilment;

Illi l-esponenti pprocediet bi proceduri ta' medjazzjoni (Ittra numru 1341/2015) illi gew maghluqa fl-10 ta' Awwissu 2016 skont id-Digriet li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **[Dok. MG2]** u ghalhekk kienet kostretta illi tipprocedi b'din l-istanza;

Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma lkoll a diretta konoxxenza tal-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti, in vista ta' dak kollu fuq premess u prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment li jidhrilha opportun, titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tordna illi jigu varjati l-**Klawsoli 5(iii)** *et seq* tal-Kuntratt ta' Separazzjoni bejn il-partijiet minnhom konkluz nhar it-8 ta' Awwissu 2013 fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia, sabiex, fl-ahjar interess tal-minuri, meta dawn ikunu jirrisjedu mal-konvenut ghall-perijodi twal fis-sajf, l-attrici tkun tista' tezercita l-istess access ezercitat mill-konvenut matul is-sena b'dan allura illi hija jkollha access ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin (24) siegha fil-gimgha;

2. Tordna illi tigi varjata l-**Klawsola 5 (iv) (a**) fejn jinghad illi l-partijiet ghandhom bejniethom jiehdu hsieb il-htigijiet tal-minuri u tordna illi l-konvenut ihallas retta alimentari mensili ghall-bzonnijiet tal-minuri lill-esponenti;

3. Tordna illi tigi varjata l-**Klawsola 5 (iv) (f)** fejn tigi riveduta s-somma msemmija relattivament ghall-ispiza tal-hwejjeg ta' kullwiehed mill-ulied tal-kontendenti;

4. Tordna illi l-pagamenti dovuti mill-konvenut ghall-hwejjeg tal-minuri u kif ukoll l-ammont dovut minnu in ekwiparazzjoni fil-konfront tal-attrici **[Klawsoli 5 (iv) (f) u 10 (xiv)** tal-Kuntratt ta' Separazzjoni], u wkoll il-manteniment kif mitlub fit-tieni talba, isiru permess ta' *standing order* mill-kont bankarju tal-konvenut fil-kont bankarju tal-attrici li jigi indikat ghal dan il-ghan, kull l-ahhar jum tax-xahar;

5. Tordna illi l-pagamenti **Klawsoli 5 (iv) (b)- (d),** isiru permess ta' *bank transfer* mill-kont bankarju tal-konvenut fil-kont bankarju tal-attrici li jigi indikat ghal dan il-ghan, sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum wara l-presentazzjoni ta' ricevuti da parti tal-attrici;

6. Tawtorizza z-zieda tal-kunjom ''B'' fic-Certifikat tat-Twelid tal-minuri Sasha u Nina, sabiex dawn isiru formalment maghrufa bhala ''C B'' u tordna kwindi l-korrezzjoni relattiva.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:

1. Illi fl-ewwel lok, huwa reverenemtment sottomess illi ghal biex din il-kawza tigi istwita kellha tigi miksuba l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti. Illi d-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Awwissu 2016, illi ghalih isir referenza fir-rikors guramentat tal-attrici, ma tat ebda awtorizazzjoni lill-partijiet sabiex jipprocedu b'kawza izda biss ordnat l-gheluq tal-proceduri ta' medjazzjoni numru 1241/15 minhabba nuqqas ta' interess tal-partijiet. Illi fl-assenza ta' awtorizazzjoni, ma jistghux jissoktaw dawn il-proceduri.

2. Illi l-ewwel talba ghall-emenda (zghira) fl-istipulazzjonijiet kuntrattwali dwar l-access illi l-attrici ghandha jkollha ghall-minuri hija opposta ghas-segwenti motivi, cioe:

a. Fl-ewwel lok, dak miftiehem bejn konjugi f'kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jigi mibdul ghall-konvenjenza ta' parti wahda. Skont il-Ligi (L-Artikolu 61 tal-Kapitolu 16), ftehim bejn il-mara u r-ragel dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull zmien, fuq talba tal-mara jew tar-ragel, jigi annullat mill-Qorti kompetenti, **<u>biss</u>** meta hekk ikun hekk mehtieg ghal gid tat-tfal. Illi l-attrici lanqas ippremettiet l-interess ta' wliedha bhala l-motiv tat-talba.

b. Fit-tieni lok, l-iskop kollu tal-istipulazzjoni illi l-attrici qieghda issa tipprova tattakka kien sabiex il-konvenut u t-tfal minuri jqattghu flimkien zmien twil mhux interott sabiex isahhu r-rapport ta' bejniethom, illi gie degredat mill-firda tal-kontendenti.

3. Illi fir-rigward generikament tat-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames talbiet, jigi rilevat illi l-materja tar-rivizjoni ta' kuntratti huwa regolat mill-massima *pacta sunt servanda,* kwalifikata biss minn xi eccezzjonijiet ta' natura straordinarja illi assolitament ma jghoddux fic-cirkostanzi tal-partijiet. Dawn it-talbietkollha ghandhom jitwarrbu.

4. Illi fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet, jigi eccepit ulterjorment illi dak miftiehem bejn il-kontendenti fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom gie stabbilit minnhom

wara studju fit-tul u fid-dettall dwar il-htigijiet tat-tfal, il-mezzi tal-kontendenti u l-hinijiet tal-kura rispettiv. Ma hiex allura l-funzjoni tal-Qrati illi jintervjenu fil-pattijiet tal-partijiet u jissostitwixxu , bl-ordnijiet u s-sentenzi, il-kunsens ta' parti ghal dak propost minn parti ohra.

5. Illi fir-rigward tar-raba' u l-hames talbiet, jigi eccepit ulterjorment illi ma hiex il-funzjoni tal-Qrati illi jimponu fuq parti **modalita`**. Il-modalita` tal-hlas huwa regolat mid-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili, principalment fl-Artikolu 1146 *et seq*.

6. Illi fir-rigward tas-sitt talba huwa eccepit illi din it-talba ma tistax titressaq minn genitur kontra iehor. Il-materja ta' kunjom l-ulied taz-zwieg tigi deciza, matul il-minnor eta` tal-ulied, mill-genituri flimkien u, wara li jaghlqu tmintax-il sena, mill-ulied infushom. F'kull kaz, ordni simili setghet tinghata biss lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, illi ma huwiex parti f'din il-kawza.

Illi **l-ispejjez** ghandhom ikunu a karigu tal-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghat u ezaminat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenzaa tas-6 ta' Gunju 2018.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza

Ikkunsidrat;

Il-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt tat-8 ta' Awissu 2013 wara kwazi ghaxar snin mizzewgin. Ghandhom zewg ulied, Sasha mwielda fis-6 ta' Frar 2003 u Nina imwielda fl-14 ta' Marzu 2006. Tlett snin wara li gie ppubblikat il-kuntratt tas-separazzjoni giet intavolata l-kawza odjerna.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob illi :-

1. Sabiex matul il-vaganzi tas-sajf, meta l-minuri jkunu jirrisjedu mal-missier, l-omm tezercita access versu l-minuri bl-istess modalita' li jezercita l-access il-missier matul is-sena meta allura l-minuri jkunu qed jirrisjedu mal-omm - varjazzjoni klawsola 5 (iii) et seq.

2. tordna lill-konvenut ihallas lill;-attrici "retta alimentari mensili ghall-bzonnijiet tal-minuri" - varjazzjoni klawsola 5 (iv) (a).

3. tordna revizzjoni tas-somma imsemmija fi klawsola 5 (iv) (f) rigwardanti l-ispiza tal-hwejjeg ta' kull wiehed mill-ulied tal-kontendenti.

4. tordna li l-pagamenti skond klawsoli 5 (iv) (f) u 10 (xiv) u hlasijiet ohra mitluba f'din il-kawza l-konvenut ghandu jeffettwhom bil-mezz ta' standing order.

5. tordna li l-pagamenti skond klawsoli 5 (iv) - (d) isiru bil-mezz ta' bank transfer.

6. tawtorizza zieda tal-kunjom "B" fic-certifikat tat-twelid taz-zewg minuri sabiex isiru maghrufa bil-kunjom "C B".

Essenzjalment permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob li dak miftiehem fil-kuntratt tas-separazzjoni jigi varjat minhabba li tallega li kien hemm bdil fic-cirkostanzi kif ukoll ghaliex certu tibdil mitlub huwa fl-interess tal-minuri. Il-konvenut jopponi ghat-talbiet attrici ghaliex isostni illi b'mod generali ghandha tapplika ghall-kaz odjern il-massima legali "pacta sunt servanda" u fit-tieni lok dak li qed titlob l-omm ma hux imsejjes fuq l-interess tal-minuri.

Ikkonsidrat;

Permezz tal-ewwel eccezzjoni minnu mressqa l-konvenut eccepixxa illi l-attrici ma kenitx ottjeniet qabel intavolat il-kawza odjerna l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Tali eccezzjoni giet irtirata matul l-udjenza tal-10 ta' Jannar 2017 u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**TALBA GHAL BDIL FIL-MODALITA' TAL-ACCESS.**

**Klawsola 5 (iii) (b).**

L-attrici qed titlob illi matul il-vaganzi tas-sajf, meta l-minuri jkunu jirrisjedu mal-missier, l-omm tezercita access versu l-minuri bl-istess modalita' li jezercita l-access il-missier matul is-sena meta allura l-minuri jkunu qed jirrisjedu mal-omm - varjazzjoni klawsola 5 (iii) et seq. Il-konvenut jopponi tali talba. Jinvoka l-artikolu 61 tal-Kap. 16 li jistipula illi ftehim bejn genituri dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull zmien, fuq talba ta' xi hadd mill-genituri jigi annullat mill-Qorti kompetenti meta hekk ikun mehtieg ghal gid tat-tfal. Jeccepixxi illi l-istess attrici lanqas resqet tali raguni bhala motiv ghat-talba taghha ghall-varjazzjoni..

Minn ezami tal-kuntratt ta' separazzjoni (para 5 (iii) pagna 6) jirrizulta illi l-partijiet ftehmu li l-kura u kustodja tal-minuri "shall remain entrusted to and jointly vested in the parties" b'dan li l-minuri jirrisjedu mal-omm hlief fiz-zmien li l-partijiet stipulaw li jkunu fil-kura tal-missier. Inoltre ftehmu li "The Husband shall enjoy free and ample access to the minor children in such manner and at such times and over such periods as may from time to time be agreed between the parties;" Minn tali stipulazzjoni johrog bic-car illi l-partijiet kienu konxji mir-realta' illi minn zmien ghal zmien kien ser ikun mehtieg varjazzjonijiet fil-modalita' tal-access tal-missier skond il-htigijiet u l-interessi tal-minuri.

Ftehmu ulterjorment illi matul is-sena skolastika l-missier jezercita access ghal perijodu "not inferior to twenty four (24) hours every week at times and on days to be agreed by the parties or established by the competent court in default of agreement". L-access kellu jinkludi "one overnight stay on weekends only". Anke hawn anticipaw li jista' jkun li ma jaqblux minn zmien ghal zmien dwar il-modalita' tal-access tal-missier matul is-sena. Dan ghaliex kienu qed jiftehmu li l-missier jezercita access ta' MHUX ANQAS minn 24 siegha fil-gimgha minghajr ma stipulaw massimu.

Ftehmu ulterjorment illi:

"a) Apart from and in addition to such access as is agreed with the Wife, or ordered by the competent court from time to time during the school holidays the Husband shall be entrusted with the care of the minor children during the periods set out hereunder.

b) Every Summer for a total cumulative period of one (1) month....................."

L-attrici qed titlob illi matul tali perijodu ta' residenza tal-minuri mal-missier matul il-vaganzi tas-sajf hija tezercita access bl-istess mod kif jezercita access il-missier matul is-sena.

Ikkunsidrat;

Huwa evidenti li ma hux fl-interess tal-minuri illi jekk il-missier jiddeciedi illi jzomm lill-minuri ghandu ghal xahar shih, matul tali xahar ma jkun hemm l-ebda hin li fih il-minuri djqattghuh mal-omm, bl-istess mod illi matul is-sena ma hemmx perijodu ta' aktar minn gimgha li l-missier ma jqattax hin mal-minuri. Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti illi t-talba tal-omm sabiex f'dak ix-xahar, jew perijodu aqsar li l-minuri jirrisjedu mal-missier, tara lil uliedha almenu darba fil-gimgha bl-istess mod kif il-missier jara lill-uliedu matul is-sena skolastika hija fl-interess tal-minuri.  Tali access versu l-omm pero' m'ghandux jitnaqqas mill-perijodu ta' xahar kumulattiv mifthiem bejn il-partijiet.

**Ghaldaqstant qeghda parzjalment tilqa' l-ewwel talba fis-sens illi tordna li fl-eventwalita' li l-access ossia residenza tal-minuri mal-missier ai termini ta' klawsola 5 (iii) (b) jkun jeccedi sebat ijiem konsekutivi  ghandu jkun hemm zmien ta' 24 siegha mis-6.00pm tas-seba jum ta' access versu l-missier ghas-6.00 p.m. tal-jum sussegwenti li fihom il-minuri jirrisjedu mal-omm qabel ma l-minuri jerga' jibda perijodu ta' residenza mal-missier fil-vaganzi tas-sajf.**

**Klawsola 5 (iv) (a)**.

L-attrici qed titlob ukoll illi klawsola 5 (iv) (a) tigi emendata billi tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici somma fix-xahar "ghall-bzonnijiet tal-minuri".

Permezz ta' din il-klawsola il-partijiet ftehmu illi:

"With regard to the maintenance and upkeep of the parties' minor children, parties agree as follows:-

a) Each party shall, from its own respective means and income, without contribution or refund from the other spouse, saving to the extent otherwise set out in this deed, be responsible for the day to day expenses of the maintenance and upkeep of the parties' minor children in terms of Law, including the children's consumption of utilities and the children's entertaintmenet and pocket money during such period as the said minor children or any one or more of them is in that party's care."

Bhala kawzali ghal din it-talba l-attrici ssostni illi tenut kont li l-minuri jirrisjedu aktar maghha milli mal-konvenut, allura hija qed tispicca thallas aktar mill-konvenut. Il-konvenut jeccepixxi illi dak li ftehmu l-partijiet huwa ligi bejniethom u m'ghandux jigi varjat b'applikazzjoni tal-massima legali 'pacta sunt servanda'.

**PACTA SUNT SERVANDA**

In tema legali ghandu jinghad illi galadarba l-attrici qeghda inter alia titlob varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda*. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz **tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16** li jiddisponi:-

"*(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi*".

Fost ir-ragunijiet maghrufin mill-ligi hemm is-segwenti:-

**Artikolu 54(9) tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi:-

"*(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ.*

*Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjeta b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbilta kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. ...*"

**Artikolu 21(1) tal-Kodici Civili** li jiddisponi illi:-

"*Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu jew li tkun imnaqqsa is-somma tal-manteniment, skond ma jkun il-kaz.*"

Jigi osservat illi fil-kaz ta' manteniment pattwit *ex contractu*, il-gurisprudenza l-aktar remota tal-qrati taghna kienet rigida fis-sens li kienet taghmilha prattikament impossibbli illi l-*quantum* ta' l-alimenti li jkun gie miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, jigi b'xi mod varjat. Biz-zmien, dik l-inflessibbilita' naqset u, in omagg ghall-principju *ad impossibilia nemo tenetur*, f'cirkostanzi

eccezzjonali u meta jkun sar impossibbli fic-cirkostanzi godda li l-parti tonora l-obbligi kuntrattwali, il-qrati kkoncedew li jvarjaw stipulazzjonijiet kuntrattwali dwar manteniment. Fis-sentenza **Mary Vella vs Mario Vella**[1], il-Qorti ta' l-Appell osservat illi f'kaz ta' separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-varjazzjoni tal-manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kaz ta' manteniment li jkun gie stabbilit u ordnat b'sentenza tal-Qorti.

B'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Alfred Grech vs. Pauline Grech**[2], filwaqt li gie affermat il-principju li l-kriterji ghall-tibdil f'manteniment pattwit *ex contractu* ma baqghux daqshekk inflessibbli, dik il-Qorti abbracjat il-konsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza appena citata u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri:-

"*Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew <u>in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni</u>.*

[1] Deciza 11 ta' Jannar 1996.
[2] Deciza 16 ta' April 2004.

*"Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn.*"

Iktar recentement, fil-kawza fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**[3], il-Qorti ta' l-Appell riteniet illi-

"*Filwaqt li l-principju 'pacta sunt servanda' ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-parti li gabuha fl-impossibilita' li tkompli tezegwixxi l-obbligu ta' hlas tal-manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta' li tirrevedi dan l-obbligu*". [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

Issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Saviour Galea vs Carmela Galea**, fejn il-Qorti ghamlet rassenja tal-gurisprudenza dwar il-materja in dizamina kif ukoll referenza ghas-sentenza ***Vella vs Vella***[4] u ikkondividiet il-fehma ormai pacifika illi jekk jikkonkorru cirkostanzi ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' minn hu obbligat ghall-hlas tal-manteniment, li ipogguh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni tal-manteniment stipulat *ex contractu*.

Ikkunsidrat;

[3] Deciza 30 ta' Novembru 2012.
[4] Supra.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli in materja hija wahda ferm gusta u ghalhekk taqbel perfettament ma' dan l-insenjament gurisprudenzjali u tadottah pjenament[5].

In linea generali, f'kull kawza fejn it-talba hi ghall-varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, l-oneru tal-prova huwa gia' wiehed gholi. Meta l-varjazzjoni mitluba tirrigwarda l-obbligu tal-hlas tal-manteniment, meqjus bhala li jaqa' fil-kamp ta' l-ordni pubbliku, il-Qorti tqis li l-oneru tal-prova mehtieg ghas-success ta' azzjoni bhal dik odjerna, huwa wiehed massimu. Wara kollox, kif gie dikjarat fil-kawza diga` citata fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2012:-

"*F'materja ta' hlas ta' manteniment in-nuqqas ta' parti li tezegwih jirrendiha soggetta ghas-sanzjonijiet kriminali, bil-possibilta' anke li tigi imposta fuqha piena karcerarja*".

Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar il-bilanc li jrid jinstab bejn il-principju fondamentali "pacta sunt servanda" u l-principju l-iehor daqstant imporanti "ad impossibilia nemo tenetur":

*"Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet". Fi kliem iehor, f'materja ta' revizzjoni ta' manteniment pattwit, fil-waqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju 'ad impossibilia nemo tenetur', li jifforma r-'ratio legis' tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap 16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt*".

Jinkombi ghalhekk fuq min jitlob il-varjazzjoni ta' l-obbligu tal-manteniment, id-dover assolut li jressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex jikkonvinci lill-Qorti li sehhew cirkostanzi supervenjenti ghall-kuntratt li huma serji u eccezzjonali u li jinnecessitaw l-intervent tal-Qorti. Altrimenti, l-Qorti tkun qed tippermetti li stipulazzjonijiet tant serji u delikati f'kuntratti pubblici bhalma huma

[5] Vide wkoll ***Stephen Camilleri vs. Suzanne Camilleri***, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' April 2016.

stipulazzjonijiet dwar obbligu ta’ manteniment tal-konjugi jew ta’ l-ulied, jigu soggetti ghal tibdil bl-iktar mod facli u espedjenti. L-Artikolu 21 tal-Kodici Civili, fuq citat, zgur mhux intiz biex jakkomoda piki u kapricci, izda fejn jirrizultaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw tibdil fil-patt kuntrattwali ghall-hlas tal-manteniment, dan ghandu jigi permess.

Ghalkemm huwa minnu li "....fl-interess suprem tal-minuri u ghal dak li jirrigwarda l-l-istess minuri pattwit f’kuntratt ta’ separazzjoni personali, il-Qorti tista’ tiddipartixxi mill-principju legali pacta sunt servanda" [**Angelle Bezzina vs Rudolph Aquilina** - Qorti tal-Appell - 30.09.2016], il-Qorti ma rriskontratx mill-provi akwiziti cirkostanzi supervenjenti ghall-kuntratt li huma serji u eccezzjonali li jinnecessitaw, fl-interess tal-minuri, l-intervent tal-Qorti.

Irid ukoll jinghad illi meta si tratta ta' ezami ta' kuntratt, jehtieg li l-istipulazzjonijiet kontrattwali fl-istess kuntratt jigu evalwati lkoll flimkien u mhux f'izolament klawsola minn ohra. Ma hux il-kompitu u lanqas permissibbli ghall-Qorti li tgharbel il-kuntratt tal-partijiet u tanalizza jekk il-partijiet setghux ghamlu l-kuntratt ahjar milli ghamluh. Lanqas huwa l-kompitu tal-Qorti li tezamina u tiddeciedi jekk stipulazzjoni setghatx tkun anqas oneruza milli fil-fatt il-partijiet ftehmu. Sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u eccezzjonali li ma kienux prevedibbli fil-mument tal-kuntratt, talba ghal revizzjoni tal-istipulazzjonijiet kontrattwali ghandha tigi rigettata.

Huwa evidenti ghall-Qorti illi din it-talba attrici hija infondata fid-dritt. L-attrici kienet taf fit-8 ta' Awissu 2013 illi l-minuri ser jirrisjedu aktar maghha milli mal-konvenut. Kien allura prevedibbli u anticipat dak li llum qed tilmenta minnu l-attrici. Il-kuntratt gie pubblikat f'Awissu 2013 u l-kawza odjerna giet intavolata f'Ottubru 2016. Mill-atti ma jirrizultax li fis-sena 2016 kien hemm bdil ta' cirkostanzi li ma kienux prevedibbli fis-sena 2013.

Ma hux permissibbli li xi parti jew ohra fuq kuntratt ta' separazzjoni tadixxi l-Qorti sabiex tvarja klawsoli li parti thoss kienu svantaggjuzi ghaliha. Gustament il-konvenut qed jinvoka l-massima legali 'pacta sunt servanda'.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tichad it-tieni talba attrici.

**Klawsola 5 (iv) (f)**.

Permezz ta' din il-klawsola il-partijiet ftehmu illi "The Husband shall pay and settle, without redress against the Wife the first one thousand Euros (€1,000) spent by the Wife on both the minor children's clothing (excluding school uniforms) in each given calendar year until the minor children attain the age of eighteen (18). Any further expenses incurred beyond the said sum will be paid and settled by the Wife. The Wife shall, when incurring any such clothing expense up to the first one thousand Euros (€1,000) obtain and transmit to the Husband a receipt covering the costs of such item/s of clothing paid by her."

L-attrici qed titlob varjazzjoni ta' din il-klawsola fuq il-kawzali li s-somma patwita "llum tirrizulta interament inadegwata tenut kont illi l-minuri llum ghandhom tlettax u ghaxar snin rispettivament, u allura l-htigijiet taghhom f'dan ir-rigward kibru ferm."[6] Fl-affidavit taghha l-attrici tilmenta illi "il-prezz tal-hwejjeg tat-tfal f'dawn l-ahhar 3 snin zdied b'iktar minn 30%". Xhedet ukoll illi kien hemm zieda fil-prezz minhabba li t-tfal qed jilbsu hwejjeg ta' teenagers u peress li t-tfal qed jilbsu aktar hwejjeg milli meta kienu izghar. Pero' anke f'dan ir-rigward id-domanda li wiehed ghandu jistaqsi huwa: x'kien imprevvedibbli fir-rigward? X'cirkostanzi imprevedibbli, serji u eccezzjonali issuccedew minn wara l-kuntratt li jimmeritaw l-intervent tal-Qorti? Fil-fehma tal-Qorti l-attrici naqset milli tissostanzja dan ir-rekwizit. Mhux verosimili illi l-attrici ma kenitx taf li fi zmien tlett snin l-ispiza tal-hwejjeg tat-tfal ser tizdied. Dokument MGX[7], apparti li ma hu akkumpanjat mill-ebda prova dokumentarja, m'ghandu l-ebda valur probatorju fir-rigward. Kien ikun aktar rilevanti kieku l-attrici ezebiet l-ircevuti kollha tal-hwejjeg li xtrat ghat-tfal fit-tlett snin antecedenti l-kawza kif ukoll l-ircevuti bejn l-10 ta' Ottubru 2016, meta giet intavolata l-kawza odjerna, u l-4 ta' April 2017 meta gie pprezentat l-affidavit taghha.

[6] Fol. 2
[7] Fol. 37

Fil-fehma tal-Qorti il-konsiderazzjonijiet maghmula fir-rigward tat-talba precedenti japplikaw perfettament ghal din it-talba li qed tigi wkoll rigettata.

**STANDING ORDER u BANK TRANSFER.**

Fir-raba u l-hames talba l-attrici qed titlob li l-pagamenti dovuti mill-konvenut isiru permezz ta' standing order u bank transfers. Fil-fehma tal-Qorti l-akkoljiment ta' tali talbiet ma jvarja xejn minn dak miftiehem bejn il-partijiet, ma jipregudika lil hadd minnhom u jevita litigji futuri.

In-nuqqas ta' litigji futuri huwa ta' beneficcju mhux biss ghall-partijiet izda wkoll ghall-ulied minuri.

Ghalhekk il-Qorti ser takkolji dawn it-talbiet.

**KUNJOM.**

It-talba attrici ghal bdil fil-kunjom tal-minuri ma giet sostanzjata bl-ebda mod mill-attrici. La fir-rikors guramentat u lanqas matul it-trattazzjoni finali ma gie indikat taht liema artikolu tal-ligi tali talba tressqet ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti f'kawza ghall-varjazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti tali talba f'kawza sabiex jigi varjat kuntratt ta' separazzjoni konsenswali m'ghandha l-ebda fondament legali.

Ghaldaqstant is-sitt talba attrici qed tigi rigettata.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut konformement ma dak hawn deciz,

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba bil-mod kif deciz supra taht l-intestatura "Talba ghal Bdil fil-Modalita' tal-Access."

2. Tichad it-tieni u t-tielet talba.

3. Tilqa' r-raba' u l-hames talba.

4. Tichad is-sitt talba.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |